Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (Malta) Ltd.
Stampat fil-Union Press
Editur — Michael Marshall

IL-PULIZIJA Vol. 2
Diċembru 1978 Nru. 8

# L-ISTANDARD MINN E.A.



Ritratt: The Times

Il-President ibus il-bandiera tal-Pulizija mizmuma mill-Ispettur A. Abela

F'għeluq l-ewwel sena mill-preżentazzjoni tal-istandardi lill-Korp tal-Pulizija jkun xieraq li ngħidu xi ħaġa dwar l-istandardi jew kif nafuhom ukoll il-'colours'.

L-ewwel standardi li nafu bihom ma kienux bnadar kif nafuhom illum iżda kienu oġġetti mwaħħla fuq xi lasta u xi drabi kien ikollhom bnadar twal u irqaq (streamers) imwaħħlin fuq il-lasta. L-oġġetti li kienu jitwaħħlu kienu meqjusa bħala oġġetti sagri u jingħad li fl-Eġittu fost l-oġġetti mwaħħla ma' dawn il-lasti kien hemm ukoll biċċiet mill-għadam ta' xi re. Monument ta' żmien Rameses II juri dawn l-istandardi fis-seklu disa' Qabel Kristu.

L-istandardi barra minn fuq il-kamp tal-battalja kienu jinġarru wkoll waqt il-kaċċa kif ukoll quddiem ir-rejiet waqt li dawn kien ikunu sejrin minn post għall-ieħor. Barra minn dan l-istandardi kienu jitwaħħlu fuq il-vapuri. Xbiħat ta' dawn l-istandardi jidhru fi statwa Assirjana tal-671 Qabel Kristu li turi suldat b'wieħed minn dawn l-istandardi. Fl-Eġittu wkoll instabu standardi mnaqqxa fuq il-fuħħar fejn jidhru ħut u foxni wżati fil-qbid tal-ħut bħala standardi.

Oġġetti oħra wżati għall-istandardi kienu li Sphinx jew il-Pegasus li kienu wżati fil-Greċja. Ir-Rumani kellhom xbiha tal-allat tagħhom jew xbiegħa ta' xi ġeneral magħruf

TKOMPLI P. 7

# EDITORJAL

## Il-Milied u l-Penzjonant

SENA ILU fl-editorjal ta' dan ix-xahar semmejna d-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom il-Pulizija, naturalment minħabba x-xorta tax-xogħol li huwa għandu, biex iqatta dawn il-ġranet sbieħ tal-Milied kemm jista' jkun qrib il-familja tiegħu. Biex jiprovaw ipattu għal dan, ħafna Pulizija jorganizzaw xi party jew xi ikla biex flimkien mal-familji tagħhom jieħdu pjaċir bħal ħaddieħor.

Dawn l-attivitajiet illum qed isiru minn bosta għaqdiet kif ukoll f'diversi postijiet tax-xogħol, iżda nistaqsu "x'qed isir għal penzjonanti tal-Pulizija?". Dawn il-penzjonanti min jaf kemm attendew flimkien man-nisa u t-tfal tagħhom għall-parties u anki għall-ballu tal-Pulizija u issa għax telqu mill-Korp kellhom jaqtgħu ħesrem il-kuntat ma' sħabhom u l-familji tagħhom anki f'din il-laqgħa ta' darba f'sena. Illum ħafna penzjonanti jixtiequ din il-laqgħa ta' darba f'sena u x-xewqa tagħhom tista tiġi maqtugħa jew billi jieħdu sehem flimkien ma Pulizija oħra f'dawn il-parties organizzati mid-diviżjonijiet jew sezzjonijiet tal-Pulizija jew jista' jsir ukoll 'get-together' għalihom biss.

Laqgħa tal-penzjonanti ta' din ix-xorta f'dawn il-ġranet għanda tkun wieħed mill-isbaħ rigali li jistgħu jingħataw dawn il-penzjonanti. Għidna rigal għaliex nemmnu li dawn in-nies ħaqqhom xi ħaġa mill-Korp tal-Pulizija għal dak kollu li għamlu għall-istess Korp snin ilu.

Jekk forsi dan li semmejna huwa tard biex narawh din issena, j'Alla li narawh jiġi kkunsidrat għal sena oħra bittama li xi darba narawh imwettaq.

Kopertina:
Waqt party tat-tfal tal-Pulizija

**Il-Bord Editorjali.**


SPRITE
Sprite
For your thirst, it's Sprite.
TRADE MARK REGD.
When you're hot and thirsty,
really thirsty, reach for Sprite.
Cold, crisp, clear Sprite.
One sip and you're in a thirst-
quenching world. Sprite.
Cool, clear and crystal bright.

# MILL-ASSOCIATION

IL-KUMITAT tal-Association reġa' ltaqa' nhar is-Sibt 4 ta' Novembru 1978 meta għal darb'oħra ġie diskuss x'għajnuniet finanzjarji se jiġu mogħtija mill-Fondi tal-Association għall-parties tat-tfal tal-membri tal-Pulizija.

Din is-sena, bħas-sena ta' qabel l-Kumitat ddeċieda li tingħata lira għal kull membru tal-Korp mill-Fondi tal-Association. Sakemm morna għall-istampa konna ma nafux kemm kienu se joħorġu flus mill-General Fund. Ta' min ifakkar li s-sena l-oħra mal-lira tal-Association ħarġet lira oħra mill-General Fund u ġew mogħtija £2 għal kull membru tal-Korp.

Il-Kumitat iddeċieda wkoll li se jsir kollox bħal ma sar is-sena l-oħra jiġifieri party għat-tfal u l-ġenituri tagħhom u lotterija għal dawk li ma jkunux jixtiequ jattendu l-parties. Kulħadd se jkollu d-dritt għall-għażla.

Fl-4 ta' Novembru wkoll inħatar l-Entertainment Committee li se jieħu ħsieb ukoll il-ballu tal-Pulizija. Il-Kumitat ħatar lil dawn il-membri għall-entertainment Committee:

Surġent M. Marshall; Surġent C. Bonanno; Kuntistabbli D. Cassar u Kuntistabbli C. Grech.

Din is-sena l-Kumitat bi ħsiebu jintroduċi żewġ affarijiet ġodda għall-ballu. L-ewwel waħda hija li d-dħul se jkun bil-biljetti bil-prezz ta' 10 ċenteżmi l-wieħed u li wieħed jista jakwista biss mill-Uffiċċju tal-Association. Dan il-biljett se jkun validu għal persuna waħda. Nittamaw li sakemm ikunu waslulkom dawn il-kelmtejn tkunu diġa' tafu aktar dwar dan. Nixtiequ ngħidu wkoll li din is-sena il-membri tal-Korp se jkunu jistgħu jġibu magħhom it-tfal tagħhom ta' eta' mhux inqas minn 16-il sena basta jkollhom il-biljett. Nixtiequ hawnhekk nagħmluha ċara li dan se nagħmluh bi prova għal snin oħra u nixtiequ li jkun suċċess u għaldaqstant se nagħmlu enfasi li t-tfal li se nħallu jidħlu se jkunu tfal ta' Pulizija biss. Dan qed ngħiduh mhux għax ma għandniex pjaċir b'nies oħra iżda għaliex il-post ma jippermettix li ddaħħal lil **kulħadd.** Kieku kellna post li jippermetti numru kbir ta' nies nistgħu wkoll nikkunsidraw li ndaħħlu ex-membri **tal-Korp** iżda dan għal issa ma **nistgħux** nagħmluh.

***Bħal** snin oħra l-prezzijiet **ta' xorb u ikel** waqt il-ballu se **jinżammu baxxi** kemm jista' **jkun. Wieħed** irid jifhem li dan **il-ballu ma** jsirx b'xi skop ta' **qliegħ ta'** flus iżda, dejjem **kien hemm** telf u r-raġuni tal-**biljetti hija biex** inaqqsu xi ftit **mit-telf. Għal** min ma jafx, il-**flus tat-telf** tal-ballu joħorġu **mill-fondi** tal-Association u tal-General Fund. Nittamaw li dan il-ballu jkun suċċess bħal ma kienu tas-snin ta' qabel.*

## L-ELEZZJONIJIET TAL-ASSOCIATION

L-ELEZZJONIJIET tal-Association se jsiru għal bidu tas-sena. Aħna nħeġġu lil kulħadd biex joħroġ għal dawn l-elezzjonijiet iżda min-naħa l-oħra ma nixtiequx li jkun hemm nies għan-numru biss. Minn mhux veru nteressat fl-Association għandu jagħmel il-post għal oħrajn interessati.

# DOMINE DIRIGE NOS

**RIFLESSJONI GĦAL KULL XAHAR**

Min Hu Kristu Għalija?
Huwa l-Iben t'Alla li sar
bin il-Bniedem
Halli jagħmel lili wkoll
Iben Alla, Bħalu
u jagħtini li niret Miegħu
s-Saltna ta' Missieru.

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-M.H.A. tax-xahar ta' Diċembru kienu għall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:



Ex-Surġent Maġġur Nru. 236 Carmelo Grima.



Ex-Kuntistabli Nru. 506 Paul Scicluna.

Ħdimna magħhom f'ħajjithom — ma ninsewhomx wara mewthom.

*Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.*

TAKE YOUR INSURANCE PROBLEMS TO

# THE MAN FROM THE PRUDENTIAL

For many years the man from the prudential in Malta has given expert professional advice on all types of insurance. To learn more about the company's policies complete and post the coupon below.



**THE PRUDENTIAL**

**ASSURANCE**

**COMPANY LIMITED**

HOLBORN BARS, LONDON
ASSETS EXCEED £5000,000,000
**The Company that everyone knows and trusts**

To the Prudential Assurance Company Ltd.,
Malta Branch Office: 225, Merchants Street, Valetta.
Tel: 22986-28021

Please send me information on your policies.
I am interested in the Insurance marked ×

**PERSONAL**

| | | | |
|---|---|---|---|
| LIFE ASSURANCE | [ ] | FIRE | [ ] |
| MORTGAGE PROTECTION | [ ] | HOUSEHOLDERS | [ ] |
| STAFF PENSION SCHEME | [ ] | MOTOR | [ ] |

Any other risks not mentioned above ......................................

NAME ....................................................

ADDRESS ...............................................

..............................

# Bejn il-Qattiel u L-Vittma

Minn ANTON GRASSO

MA hemm ebda dubju li mid-delitti kollha li jitwettqu, l-aktar wieħed li jqajjem tħassib u jiġbed l-aktar pubbliċita' hu l-qtil. Hu att li ma jista' jirranġa ruħu b'xejn, azzjoni li sseħħ u ma tista' tfiq qatt. Il-ħajja — forsi wara t-tmiem tagħha wieħed jista' jagħraf aktar x'valuri jista' jkollha.

Il-qtil hu delitt serju; il-konsegwenzi drastiċi aktarx milli għall-vittma għal min ikun midħla tagħha. Bilfors li rapport ta' qtil iqajjem ċertu sens ta' xokk, mewġa ta' paniku u ansjeta' fuq komunita' sħiħa.

Xi drabi dan is-sens jistrieħ f'att drammatiku ieħor. Għal ħafna sekli dan l-att ħa forma tradizzjonali ta' l-esekuzzjoni ritwalistika tal-qattiel. Fi snin riċenti l-qtil iwassal drama ta' ġuri f'qorti minkejja li bosta soċjetajiet illum ħassru l-piena tal-mewt.

F'bosta mill-każi ma jkunx hemm dik ix-xewqa persistenti għall-qtil iżda l-att iseħħ f'rispons ta' frustrazzjoni temporanja estrema jew sitwazzjoni ta' paniku.

Il-qattiela żgur li jkunu disposti għal ċirkustanzi differenti, iżda kollha jkunu daqu frustrazzjoni iebsa personali.

Studju dwar il-familji talqattiela wera li dawn in-nies ikunu sofrew aktar frustrazzjonijiet fiżiċi u psikoloġiċi. Sar magħruf ukoll li l-qattiela huma inqas intelliġenti u għandhom edukazzjoni inqas minn kriminali oħrajn.

L-eżempji li għandna fl-istorja ma jwasslux konklużjoni definittiva iżda jistgħu jitfgħu dell żgħir dwar x'mottivi jistgħu jwasslu lill-bniedem biex ineħħi l-ħajja ta' ħaddieħor.

John Wilkes Booth, il-qattiel tas-sittax-il President ta' l-Istati Uniti, Abraham Lincoln, twieled fil-1838 u laħaq il-professjoni ta' attur. Il-fama waslitlu dak il-lejl ta' l-14 ta' April ta' l-1885 meta rnexxielu jidħol fit-tejatru ta' Washington biex ineħħi l-ħajja ta' president famuż.

Irnexxielu jaħrab bil-kliem: Sic semper tyrannis! fuq xofftejh, li jfisser: In-naħiet tax-Xlokk tħallsu mit-tirann. Tnaxil jum wara daq il-mewt permezz tal-pistola meta kien mistoħbi f'maħżen tal-qamħ.

Għalkemm bosta assassinji politiċi jitwettqu minn fanatiċi imbuttati minn sens ta' ġustifikazzjoni — falz kemm hu falz — numru sew minnhom jitwettaq min-nies li ma jkunux f'sikkithom biżżejjed, li jaspiraw għall-fama billi jagħżlu lil xi ħadd famuż.

Mhux faċli tikklassifika qattiel, iżda f'dan il-każ hemm evidenza żgħira li tissuġġerixxi lil Wilkes Booth fit-tieni kategorija u li d-delitt tiegħu kien protest sub-konxju kontra l-fjask tiegħu bħala attur.

*rIMĠIENEN*

Henri Desire' Landru twieled fl-1869. Sar magħruf bħala Modern Bluebeard. Għal xi żmien kien fl-Army u f'daqqa waħda dar għad-delitt meta kellu tletin sena. Il-vittmi tiegħu mill-inqas kienu ħdax. Wara ġuri drammatiku qatluh fl-1922.

Fil-qorti seħħet ġlieda kbira biex jippruvaw li kien f'sensih u rnexxielhom. B'danakollu tibqa' il-mistoqsija li staqsa Landru stess: La kien f'sensih kif seta' jkun ħati? Bil-fors ried ikun miġnun biex iwettaq qtil bħal dak. Aktarx ma kienx f'sikktu u qatel minħabba inedekwenza sesswali li wasslet għal instabbilita' mentali.

Albert DeSalvo hu magħruf bħala l-qattiel infami ta' Boston. Qatel tlettax-il darba għal raġunijiet sesswali tul perijodu ta' sentejn għal bidu tas-sittinijiet. Il-pulizija arrestawh fuq kawża ta' delitt sesswali u assalti, imbagħad stqarr li kien responsabbli għal dawk il-qatliet. Minkejja l-istqarrija tiegħu m'għadhx ġuri fuq il-qtil.

Hafna minn dawn il-qattiela jwettqu d-delitti bil-ħsieb li jinqabdu biex jissodisfaw kompulsjoni qawwija li jieħdu parti f'delitt ritwali li jwassal għall-qabda tagħhom u l-kastig. Fil-każ ta' Albert DeSalvo, il-proċess laħaq il-quċċata meta ħarġuh immanettjat mill-qorti fl-1967 biex igħix il-fdal ta' ħajtu f'manikomju.

Charles Manson hu figura misterjuża. Għadda ġuri fl-1970 fuq qtil u akkużi oħrajn imqajjmin mill-każ mhux komuni fejn Sharon Tate, il-mara tad-direttur famuż Roman Polanski, li dak iż-żmien kienet tqila, instabet imbiċċra u maqtula flimkien ma' seba' vittmi oħrajn f'dar lussuża f'Bel Air.

*PANIKU*

Charles Manson, li dak iż-żmien kellu 35 sena, kien mexxej ta' grupp ta' *hippies* li skond il-pulizija kellhom x'jaqsmu fil-qtil ta' massa li xxokkja u werwer id-dinja.

Mewġa ta' paniku qamet f'Kalifornja mal-bxara ta' dawn id-delitti li ħawwdu lill-pulizija u kexkxu lil kulħadd.

Il-ġrajjiet li seħħu dak il-jum ta' Awissu ta' l-1969 f'dar ġo Bel Air, Los Angeles, għadhom sal-lum imgeżwrin f'misteru. Għall-ewwel kien jidher li ma kien hemm ebda mottiv li għandu jwassal għal mewtiet waħxija daqshekk; il-gazzetti xandru l-kelmiet: qtil ritwali. It-televiżjoni l-istess.

Imqar wara li l-pulizija ħabbru li kienu qegħdin ifittxu ċorma *hippies* ġerrejja, xorta waħda l-bibien taddjar ta' Kalifornja baqgħu msakkrin tul dak il-lejl.

Imbagħad, wara li Charles Manson, il-mexxej ta' dan il-grupp, inħataf taħt il-kustodju tal-pulizija in-nies sa fl-aħħar ħadu r-ruħ.

B'danakollu dawn il-qatliet għadhom ta' interess kbir għall-pubbliku u studenti tal-kriminalita', għaliex milli jidher ma hemm ebda mottiv.

Forsi, wara kollox dan juri li n-natura umana se tibqa' misteru sa l-aħħar.

# The Trade Leader in the 80s

**with a name for reliability and quality**

# MUSCATS GENERAL STORES LTD.

Malta's leading importers of **refrigerators, washing machines, cookers, food mixers, televisions and sportswear.**

Leading specialists in refrigeration and heating, kitchen catering equipment for Hotels, Restaurants and Bars—Laundry Machinery & Equipment.

MGS MUSCATS GENERAL STORES LTD

15-16 REPUBLIC STREET, VALLETTA

Tel: 626242 – 28228

***Over 150 years of Trading in Malta.***

# Tislima lill-Ex-Membri tal-Korp.

NHAR il-Ħadd, 5 ta' Novembru 1978 il-Pulizija selmet lil ex-membri tal-Korp li għaddew għall-mistrieħ ta' dejjem f'ċerimonja ta' tberik tal-oqbra tal-Pulizija.

Għal din iċ-ċerimonja li ilha ssir għal dawn l-aħħar sitta u tletin sena attenda l-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll fizzjali u membri oħra tal-Korp u numru sabiħ ta' ex-Pulizija. Il-Kappillan tal-Pulizija, Dun F. Cachia mexxa s-servizz reliġjuż u kien hemm ukoll kant mit-tfal tal-Istitut ta' San Ġużepp (Ħamrun).

Wara l-funzjoni reliġjuża, is-Sur Cachia poġġa kuruna tal-fjuri taħt il-monument li hemm fuq l-oqbra. Din il-kuruna tpoġġiet f'isem il-membri kollha tal-Korp. Kuruna oħra tpoġġiet mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija f'isem ukoll il-membri tal-Korp.

Kienet ċerimonja qasira li bħal dejjem kellha sinifikat kbir. J'alla ċerimonji bħal dawn jibqgħu jsiru u nħeġġu lil kulħadd biex jattendi għalihom.


Il-Monument

GHADKOM kemm qrajtu dwar iċ-ċerimonja tat-tberik tal-oqbra tal-Pulizija. Matul ix-xahar li għadda jibda jingħad ħafna diskors u joħorġu ħafna suġġerimenti dwar kif jistgħu jissebħu dawn l-oqbra għaliex bħal ma tafu m'humiex f'xi stat tajjeb f'dik li hi sbuħija. Forsi hawn xi wħud jemmnu li qabar sabiħ kemm hu sabiħ dejjem se jibqa' qabar, iżda kieku kulħadd jaħseb hekk m'hawnx oqbra sbieħ kemm fiċ-ċimiterji tagħna l-Maltin kif ukoll f'ħafna ċimiterji fid-dinja. Jiġri, iżda, li wara ċ-ċerimonja tat-tberik tal-oqbra jintesa kollox qisu qatt ma kien xejn.

Ikun għaldaqstant sewwa li jekk għandna nibdew nagħmlu xi ħaġa nibdew issa u ma nħallux l-affari torqod għal kollox. Bħala bidu tajjeb wieħed jissuġġerixxi t-twaqqif ta' Kumitat biex jieħu ħsieb dan il-proġett.

Naturalment l-akbar problema għal dan il-proġett hija dik finanzjarja. Biex tirranġa dan il-post trid spiża mhux ħażin u din forsi kienet ir-raġuni li qatgħet qalb dawk ta' qabilna. Biex jinġabru l-flus għal dawn l-oqbra irid isir sforz kbir minn nies ta' ħeġġa u jsir ġbir minn fost il-membri tal-Korp, penzjonanti u familji ta' ex-membri tal-Korp li għandhom il-qrabathom mitfunin hemmhekk. Jekk jingħata bidu għal dan il-ġbir matul ix-xahar ta' Diċembru tkun ħaġa għaqlija għaliex f'dawn iż-żminijiet kulħadd jiftaħ idejh aktar missoltu.


Waqt it-tberik tal-oqbra

Għajnuniet għal dawn l-oqbra jistgħu jsiru billi jsir xi xogħol bħal ma huwa ta' ħadid minn membri tal-Korp waqt il-ħin liberu tagħhom. Dan ix-xogħol jista' jsir ftit ftit u naqra naqra nimlew ġarra. Għajnuniet finanzjarji jistgħu jingħataw mill-Fondi tal-Association u l-General Fund.

Jekk ma nibdew qatt ċertament li m'aħna se naraw xejn lest qatt, iżda jekk nibdew issa jistgħu jgħaddu erba' jew ħames snin u naraw xi ħaġa lesta.

TKOMPLI MINN P.1

għal qlubija jew xbigħa ta' xi annimal bħal ma hu l-volpi u l-ors. Fi żmien Marius ir-Rumani bdew użaw l-ajkla fuq l-istandardi tagħhom u din l-ajkla rajniha fuq l-istandardi ta' Napuljun. U la semmejna lil dan il-ġenju militari nsemmu rakkont żgħir dwar Napuljun u l-istandard ta' wieħed mir-reġimenti li kellu. Jingħad li wara li Napuljun abdika u kien se jħalli Franza għall-gżira ta' Elba kienet saret parata mill-'Old Guard' fejn Napuljun għamel indirizz qasir lis-suldati tiegħu. Kif spiċċa huwa qal li kien se jgħannaq u jbus l-istandard tagħhom u li kien se jagħmel hekk flok għannaq u bis lil kull wieħed minnhom. Dan għamlu fost il-biki tas-suldati li kienu preżenti. Ġest tassew sabiħ u nobbli. Ġest bħal dan rajnieh aħna l-Pulizija sena ilu meta l-President tar-Repubblika Dr Anton Buttigieg ippreżenta l-istandardi tal-Pulizija.

L-istandardi tal-Pulizija llum jinsabu fl-Officers' Mess u joħorġu minn hemm biss waqt ċerti parati tal-Pulizija. Dawn dejjem jinżammu mill-fizzjali bi skorta ta' Surġenti. Ta' min ifakkar li l-Pulizija għandhom l-obbligu li jsellmu waqt li jgħaddu l-'colours' minn quddiemhom. F'pajjiżi oħra l-istandardi barra milli jużawhom għal parati jużawhom ukoll f'ċerti kommemorazzjonijiet fi knejjes fejn l-istandardi jitpoġġew fuq l-artal. Dan naturalment isir b'arranġament mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi.

Dan kien xi tagħrif miġbur dwar l-istandardi. Ma għidtx kollox għaliex minkejja l-bosta talbiet li għamilt lil diversi nies ma rnexxilix nakkwista l-informazzjonijiet kollha minn għandhom. Jekk fil-ġejjieni jkolli aktar materjal nippubblikah.



# "Rothmans Special Mild give me the taste and satisfaction I really enjoy."




"They say it's because Rothmans use only the best tobacco – and that is what really counts in a mild cigarette.

If you are looking for a mild cigarette you can taste, ask for Rothmans Special Mild in the red pack."

Rothmans

SPECIAL MILD

**The best tobacco money can buy.**

# POLICE DOGS' VERSATILE ROLE IN DETECTION

By Carol Kennedy

published by the courtesy of The Times

OF ALL working dogs, few get a better chance to display the range of their intelligence than those which since the end of World War II have played an important part in crime detection and the arrest of criminals by Britain's police forces.

The Metropolitan Police Dog Section with its 250 animals and their handlers is responsible for a reported 6000 or more arrests a year, and also finds on average 100 missing persons and recovers 300 items of lost or stolen property.

Nowadays, too, police dogs are trained to detect the smell of drugs and explosives and have proved invaluable in rounding up urban terrorists and "bomb factories".

Parish records in Britain refer to constables patrolling with dogs as long as the 15th century, but there is no evidence that the animals were trained for police work.

In 1914 policemen in London were given permission to take their own dogs on patrol with them, but it was not until the mid-1930s when continental Europe was producing impressive evidence of the value of police dogs, that Britain became seriously interested in the idea.

In 1946 a police dog school was opened at Imber Court, near London, the headquarters of the mounted police training school, and six Labradors were trained, each proving effective against pickpockets and bag snatchers.

Later that year other breeds were experimented with, and today most dogs in the unit are German Shepherds or Alsations, because of their strength and agility, strong grip, good temperament and formidable appearance, as well as high intelligence. Labradors are still employed for some duties, notably drug and explosive detection, and also to patrol the royal residence in London.

The Metropolitan police dog unit accounts for about one fifth of the total of 1716 police dogs in Britain. They can be involved in a variety of duties, from holding suspects in a cul-de-sac to finding a lost engagement ring in a park.

Their training is based on obedience, nose work and man work in that order. After a series of detailed obedience exercises they undergo agility training, which includes scaling obstacles up to 6 ft (1,8m) high and 9ft (2,7m) long, swimming, and becoming used to sudden and unusual noises such as gunshots, revving motors and blaring music.

Nose work involves ground tracking and picking up a scent. The aim is to find a track and follow it to its end, ignoring other distractions and locating on the way items connected with the quarry.

The dog is taught to search for missing persons or property by quartering the ground, both in hard and soft conditions, and in buildings. The scenting capability of dogs remains an area full of potential for development.

Man work, probably the most dramatic aspect of police dog-training, involves by gripping his or her forearm. The dog is trained not to bite, and if the suspect stands still the animal will simply circle and bark until the handler arrives to make the arrest. But someone who tries to escape stands little chance of outstripping an Alsatian, which can reach a speed of 30mph 48 km/h).

To become handlers, officers have to demonstrate that they are efficient policemen, extremely fit and have ample patience. There is always a waiting list for vacancies in the Dogs unit, and successful applicants are given a two week course with a Labrador trained to accept commands from a number of officers.

The handler wears a flat cap and waterproof nylon trousers and jacket with calf length boots for moving across open country. When training, he wears a light blue nylon battledress top and trousers wtih a black beret.

Puppies are introduced to their handlers at three months — the best time for starting to build up a good relationship between animal and man. The handler becomes his dog's best friend, grooming and caring for it as well as training it in police work.

Despite its tough appearance on duty, the police dog is

**Handlers of the Metropolitan Police Dog Station receive a daily briefing before going on patrol.**



# L-IMPORTANZA TAL-PULIZIJA

Minn Patri Felicjan Bilocca

Ma NIFHEM b'ebda mod naħseb li sa nkun l-ewwel wieħed li ngħid li l-eżistenza u l-missjoni tal-PULIZIJA hija mportanti ħafna. Qabel xejn nistgħu ngħidu, li, taħt isem jew ieħor, il-Pulizija ilha teżisti sa' mill-bidu ta' l-eżistenza tal-bnedmin. Meta Kajin qatel lil ħuh Abel u Alla staqsieh għalih, biex jara xi jwieġbu, Kajin ipprova jaħbi d-delitt tiegħu billi wieġeb li huwa ma kienx "għassies" ta' ħuh (Ġenesi, 4, 9). Jiġifieri, ġa' sa mill-bidunett kien hemm l-idea ta' l-"għassiesa", ta' nies responsabbli biex jgħassu kontra d-delitti, jew almenu, bħal fil-każ tagħna, kontra d-diżgrazzji.

U minn hawn għandna t-tifrsir kollu tal-"Pulizija". Hija kelma Griega komposta minn "poli=belt" u "zia=awtorita', tmexxija": u għalhekk wasalna biex il-kelma "Pulizija", nifhmu "amministrazzjoni tal-belt, tal-pajjiż, taċ-ċittadini, tas-soċjeta'."

Li tkun "Pulizija" hija għalhekk ħaġa serja ħafna: ikollok ir-responsabbilta' fuqek li tħares l-ordni pubbliku għall-ħarsien taċ-ċittadin bid-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu kollha bħala esseri soċjali u, fuq kollox, bħala persuna umana.

Minn dal-ftit li għedna ġa' nistgħu niddeduċu, li b'Pulizija tajba jkollna soċjeta', nazzjon tajba, waqt li b'Pulizija mhux tajba, anqas is-soċjeta' ma jkollna tajba. Mingħajr Pulizija tajba, IMSIEKEN AħNA. Jista' l-pajjiż ikollu Gvern li jaf jagħmel l-aħjar liġijiet: jista' l-pajjiż ikollu Qrati serjissimi mżejna bl-aħjar Imħallfin u Maġistrati, jekk ma jkunx hemm il-moħħ u d-driegħ tal-Pulizija, biex tara li l-liġijiet tal-Gvern ikunu mwettqa u s-sentenzi tal-Qrati jkunu esegwiti, inkunu bħal karozza b'makna perfetta, iżda li r-roti tagħha ma jdurux! Ma naslu mkien!

Mela, huwa mportanti ħafna li jkollna Pulizija tajba.

### META TAJBA?

Issa, meta l-Pulizija tkun tajba? Meta tkun organizzata u attrezzata b'mod, li tkun tista' tilħaq l-iskop tagħha; bħal arloġġ: ngħidulu tajjeb, meta jkun immuntat u jaħdem b'mod li jurik sewwa l-ħin, kif huwa ddestinat min-natura tiegħu li jagħmel. Dan napplikawh għall-Pulizija: trid tkun organizzata u attrezzata b'mod li tħares żgur il-buon ordni, għas-sigurta' taċ-ċittadini, bid-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom bħala esseri umani-soċjali.

Hawnhekk toħroġ weħedha l-klassifikazzjoni tad-diversi aspetti, ħalli nsejħulhom hekk, li taħthom għandna nħarsu lejn il-Pulizija.

Għandna l-Pulizija "politika": il-Pulizija, jiġifieri li x-xogħol tagħha hu li tħares is-sigurta' tal-pajjiż: billi tipprevenì u trażżan għemejjel, aġitazzjonijiet, maniġġi u delitti li jistgħu jnisslu fih diżordni pubbliku.

Għandna l-Pulizija "ċivili" (cives=ċittadin), li x-xogħol tagħha huwa li tħares direttament liċ-ċittadini, biex dawn fil-liberta' leġittima kollha, igawdu d-drittijiet tagħhom u ma jkunux imfixkla fl-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet minn ċittadini oħra jew minn fatturi, ġrajja, ċirkustanzi li jmorru kontra d-drittijiet tal-persuna umana.

Hemm il-Pulizija "amministrattiva', li qiegħda apposta, biex tara li l-komunita' ma jkunux jonqsuha l-bżonnijiet meħtieġa għall-għixien deċenti tagħha, bħal ma hi l-importazzjoni u ċ-ċirkulazzjoni tal-bżonnijiet għall-ħajja ta' kuljum.

Inżidu wkoll li hemm ukoll il-Pulizija b'funzjoni sanitarja, bl-obligu, jiġifieri, li tħares is-saħħa pubblika għall-ħarsien tas-saħħa taċ-ċittadini: ma ninsewx li ewlenin fost id-drittijiet taċ-ċittadin, tal-persuna umana, huma l-ħajja u l-għixien deċenti u b'saħħtu.

Ħafna mbagħad iqisu wkoll il-Pulizija "industrijali", fis-sens li għandu jkun hemm Pulizija li tħares sewwa l-fatturi kollha meħteġa għall-produzzjoni, speċjalment ir-relazzjonijiet bejn sidien u ħaddiema, billi l-produzzjoni saret fi żmienna s-sinsla tal-ekonomija tal-pajjiż.

### THEJJIJA SERJA

Wieħed malajr jinduna kemm il-Membri li jikkostitwixxu l-KORP TAL-PULIZIJA tinħtieġilhom tħejjija serja għall-funzjonijiet serji u mportanti li tistenna minnhom is-soċjeta' u li jistennew minnhom iċ-ċittadini kollha, speċjalment dawk li l-iżjed jinħtieġu l-ħarsien u l-għajnuna tagħhom.

Dan tajjeb li jkunu jafuh mhux biss il-membri tal-Korp tal-Pulizija, iżda għandhom ikunu jafuh ukoll il-membri kollha tas-soċjeta' ċivili, biex iżommu bejniethom relazzjonijiet tajba kemm jista' jkun, la darba huma qegħdin għal xulxin, fis-sens li ta' l-ewwel jeżistu għall-'id ta' dawk tat-tieni u tat-tieni għandhom, min-naħa tagħhom, jirrispettaw u jibżgħu għal dawk ta' l-ewwel, ladarba għandhom tant bżonnhom biex huma jgħixu ħajja żgura, kemm mil-lat materjali-korporali-fiżiku u kemm mil-lat morali bl-osservanza tal-liġijiet għall-ħarsien taddrittijiet umani.

Nawquraw għalhekk li jkollna Pulizija tajba ħafna, u aħna ċ-ċittadini, nirrispettawha u nqħinuha anzi fil-qadi ta' dmirha, għax dal-qadi jkun deijem vantaġġ kbir għalina stess.

Cont.From P.9

usually a loved member of its handler's family and continues to be so long after its working days are done.

On its "retirement" — usually at the age of nine years — the dog becomes the property of its handler. This stable and affectionate background adds much to forming the ideal temperament in a police dog.

When the dog is nine months old and has undergone basic training it attends an elementary course at the Metropolican Police Dog Training Establishment at Keston, returning at one year old for 12-14 weeks' training in police work.

After a further six months dog and handler return to Keston for a two-week advanced course. After that they will periodically attend refresher courses to maintain and improve their performance. Police officers from many parts of the world visit Keston, some to undergo courses.

## IL-KUNTISTABBLI BORDA U N-NAMRA TIEGĦU

Fost id-delizzji tal-membri tal-Korp tal-Pulizija kemm Maltija kif ukoll barranin hemm dak ta' tfaddil tal-armi tal-Pulizija. Fil-Korp tal-Pulizija Maltija għandna diversi delettanti tal-armi iżda l-akbar kollezzjoni tinsab għand il-Kuntistabbli Joseph Borda.

Borda beda dan id-delizzju madwar sitt snin ilu ftit wara li daħal fil-Korp tal-Pulizija. Huwa rnexxielu fi żmien qasir jaqqgħad kollezzjoni sabiħa ta' armi ta' Pulizija barranin permezz ta' 'pen-friends' minn diversi pajjiżi fosthom il-Ġermanja, l-Italja, il-Kanada, l-Awstralja u New Zealand. Huwa wkoll membru tal-International Police Association u tal-Police Insignia Collectors Association tal-Ingilterra.

Barra mill-armi, Borda għandu wkoll uniformijiet ta' Pulizija Ġermaniża u Ingliża kif ukoll bosta brieret, ċinturini, lembubi u tagħmir ieħor użat mill-Pulizija fil-qadi ta' dmirijietha. Fost il-brieret għandu sitta mill-Ġermanja, waħda mill-Amerka, 3 mill-Kanada, waħda mill-Irlanda, waħda mill-Olanda, erbgħa mill-Italja, waħda mill-Belgium waħda minn Franza u tmienja mill-Ingilterra.

Borda huwa wkoll delettant ta' l-Istorja ta' Korpi tal-Pulizija barranin u jiġbor wkoll ritratti antiki ta' Pulizija.

Kif intqal qabel, Borda jakkwista dan it-tagħmir permezz ta' korrispondenza ma' membri ta' Korpi ta' Pulizija barranin fosthom uffiċċjali għolja u anki Kummissarji. Fost dawn ta' l-aħħar hemm il-Generale Dr. Francisco Andreotti, kap tal-Vigili Urbani. Dawn mhux l-ewwel darba li bagħtulu affarijiet għal kollezzjoni tiegħu u naturalment jitolbuh għal kollezzjoni tagħhom. U hawn jiġi l-akbar diżappunt għal dan il-Kuntistabbli għaliex mhux faċli jakkwista armi u tagħmir ieħor tal-Pulizija Maltija. J'Alla fil-ġejjieni jingħata l-akbar għajnuna.



*Is-Sinjura Buttigieg (it-tieni mix-xellug) flimkien mal-Kuntistabbli Borda f'waħda mill-esebizzjonijiet tiegħu f'Birkirkara.*



*Il-Kuntistabli 1350 J. Borda*



*L-Armi fid-dar ta' Borda.*

# IL-BANDIERA MALTIJA

*minn WALTER CAMILLERI*

Ix-xagħar l-ieħor sellimna l-Innu Malti, f'għeluq il-55 sena tiegħu. Għidna li hu wieħed mill-aktar uliedi sbieħ li għandna Malta. Huwa tabilħaqq xieraq u sewwa li nibqgħu ngħożżuh. Illum insellmu l-Bandiera tagħna. Il-Bandiera ta' żewġ ilwien. Il-Bandiera Bajda u Ħamra.

Bħala pajjiż bi storja kbira, mifruxa fuq medda ta' eluf ta' snin, it-tradizzjoni ma naqsitx li tidħol f'kull qasam. Ħafna huma dawk li jweġġgħu dak kollu li semgħu u jaċċettaw bla riserva kull ma ntqalilhom. Għalihom dak kollu li tagħlmu hu vanġelu. L-istess nies bosta drabi joħduha qatta bla ħabel kontra tiegħek appena tiftaħ ħalqek biex tagħrfilhom il-verita' tal-fatti jew is-sewwa magħruf.

L-istorja tal-Bandiera ta' Malta hi waħda qadima u magħġuna sew fi tradizzjoni devota. Il-poplu tagħna, kważi kollu, jemmen li l-Bandiera tagħna — Bajda u Ħamra — taf il-bidu tagħha fostna lil Konti Norman, Ruġġieru II madwar is-sena 1090. Bosta jsostnu li kien hu li tagħna l-Bandiera li għandna llum.

Hemm min jemmen li l-Bandiera tagħna hi parti minn dik tiegħu u li tahilna hu stess appena rifes Malta. Oħrajn jemmnu li tana l-kuluri — Abjad u Aħmar — wara li kif jgħidu, tela' minn Miġra l-Ferħa kollu demm, wara li kien għadu kemm tqabad mal-Għarab. Hu x'inhu t-twemmin tagħna jibqa' biss tagħrif/twemmin bla sinsla, għalkemm għandna nirrispettaw twemmin missierijietna. Jista' xi darba jirriżulta tagħrif aktar konkret, għax ir-riċerki ma jispiċċaw qatt. L-istorja għalhekk sabiħa għax dejjem titgħallem il-ġdid. Dwar l-oriġini tal-bandiera tagħna ftit li xejn nafu.

L-aktar konvinċenti għalina llum hi l-awtentiċita' tal-fatti li nafu. Dwar dan, hekk jikkummenta l-istoriku Professur Patri Andrew Vella "... Għalkemm din it-tradizzjoni ma nixtiequx inwaqqgħuha (għax meqjusa bħala qaddisa) ... ma għandhomx jitwemmnu iżjed." U jkompli "imma min irid jibqa' jemmen fihom, hu sultan tiegħu nnifsu".

Mela, għal dak li hu twemmin, kulħadd jemmen u jaċċetta kif jidhirlu hu. Hu x'inhu l-każ ta' kif u meta daħlet hawn Malta l-Bandiera — bajda u ħamra — iġgħalna nosservaw kemm hi fil-fond ta' qalbna. Saret wisq ħaġa waħda magħna u hekk għandu jkun. Hemm bżonn li tibqa' għażiża, meqjuma u maħbuba. U mit-tradizzjoni inħarsu lejha mod ieħor.

Il-Bandeira Nazzjonali ma hix ħaġa oħra ħlief il-mant li tkenn taħtu poplu u tiddistingwi nazzjon minn ieħor. Biha — bajda u ħamra — nuru liddinja li jeżisti nazzjon, gżira żgħira f'nofs il-baħar Mediterran, ftit blat li jiswa daqs min jiswa.

Fil-15 ta' April, 1942 Malta ġiet mogħtija wieħed mill-għola ġieħ tal-Imperu Ingliż, il-George Cross, bħala turija ta' għarfien u qima għas-sehem tagħna fil-gwerra 1939/45. Għalhekk, ir-Re Ġorġ VI b'digriet Irjali tat-28 ta' Diċembru 1943 ordna, li rappreżentazzjoni tal-George Cross titpoġġa fl-istrixxa l-bajda tal-bandiera tagħna, fir-rokna ta' fuq in-naħa tal-arblu, fuq sfond ikħal.

L-isfond ikħal tneħħa u minfloku saret tberfila ħamra madwar l-istess salib. Dan sar permezz tal-Kostituzzjoni tal-1964 u kkonfermat b'dik tal-1974. Kif rajna mela, il-Bandiera tagħna ntmesset darbtejn. Fl-1943 u fl-1964.

Matul dawn l-aħħar għaxar snin, bdejna naraw il-bandera tagħna dieħla fil-knejjes tagħna. Elevata fl-aktar postijiet prominenti tal-knisja, xhieda ta' rispett, ġieħ u qima lejn din il-biċċa drapp li taqqadna f'poplu wieħed. Ukoll bosta każini fl-istess żmien, u għaqdiet oħra esponew fis-swali ċentrali tagħhom il-bandiera Maltija. L-iżviluppi politiċi ta' gżiritna f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena, ħallew l-inpronta tagħhom fil-qalb ta' kull min hu verament Malti. Is-sens ċiviku beda aktar jinħass.

Fit-28 ta 'Diċembru 1971, ċirkolari maħruġa mill-uffiċċju tal-Prim Ministru bil-firma tas-Sur A. Wirth, uriet ix-xewqa tal-gvern illi l-Bandiera Nazzjonali tiġi esposta fl-aktar potsijiet prominenti fid-dipartimenti kollha tal-gvern, bħal ma huma: uffiċini, kurrituri, ewali, eċċ. F'kelma waħda fejn l-aktar jidħol il-pubbliku. Dan hu ġest ieħor sabieħ u nobbli li jsaħħaħ l-identita' tal-bandiera tagħna mal-pubbliku in ġenerali u b'mod speċjali malbarrani.

Il-pulizija, mhux anqas min ħaddieħor, żejnu u taw qima l-bandiera tagħna. Esponewha kif kien mitlub fl-aktar postijiet pubbliċi li għandha fid-dipartiment. Tajjeb li ngħidu wkoll li bis-saħħa ta' hekk il-bandiera tal-pulizija (kaħla skur bl-arma tal-pulizija) tpoġġiet ukoll mal-Maltija fil-post li jixirqilha.

Il-kuluri, abjad u aħmar tal-bandiera kif għidna kemm-il darba, tpoġġew sa mill-ewwel żmienijiet tal-korp u fl-arma tal-Pulizija. Tpoġġa dak li suppost hu l-abjad u l-aħmar f'nofs l-arma tal-beritta. U baqa' jidher hekk fl-armi kollha (barra waħda).

Fit-13 ta' Diċembru 1977, il-korp tal-pulizija ġie mogħti żewġ bnadar mill-President tar-Repubblika. Dawn, magħrufa wkoll bħala l-"COLOURS", ġew ippreżentati lill-Korp bħala turija ta' ġieħ u qima. Waħda minn dawn il-bnadar hi Maltija..... bl-arma tal-pulizija f'nofsha. Kemm il-bandiera kif ukoll il-kuluri tal-bandiera tagħna huma midħla sewwa tal-Korp, kif ġa rajna sa mill-ewwel żmienijiet. J'Alla jnisslu fina aktar sens ċiviku.

Wara dik il-ħarsa ħafifa inħarsu lejha minn angolu ieħor. Il-Bandiera tagħna tidher li hi fost l-eqdem li jeżistu fid-dinja, jekk naċċettaw it-twemmin ta' missierijietna. Tixhed storja qadima. Min jaf kemm rat ferħ u niket. Kemm-il darba rat ħakkiema ġejjin u sejrin,

TKOMPLI P.15


A Cheque Book makes it so much easier.
Bank of Valletta Limited, Malta
Branches throughout Malta and Gozo
The Bank next door.

# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE

**The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.**

**(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)**




**PHILIP TOLEDO LTD**

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ______________________

Address ______________________

______________________



# Johnnie Walker






*Born 1820 – still going strong*

*Sole Distributors* CAPT. A. CARUANA LTD. *Republic Street, Valletta.*

Tkompli minn p. 13

iduru u jħufu madwarna u f'nofsna. Rat is-setgħani jiddettalha ma min tperper fuq il-bjut u swar tagħna. Għalkemm il-darba ġie umiljata.

Rat min japplawdiha, min ibusa u jħaddana miegħu. Rat lilha nnifisha barra x-xtut tagħna t'emigra ma' wliedha. U biex ngħidu kollox, min jaf kemm iddandnet bit-tperpir tagħha qalb sħabha barranin fil-United Nations u f'organizzazzjonijiet oħra. Rat fl-aħħarnett lilha nnifisha tperper waħidha, ħielsa min kull sikkatura. Nistħajjel li drat sewwa tperper waħida, ħielsa min kull sikkatura. Nistħajjel li drat sewwa tperper kif ikun meħtieġ.

Nixtieq intemm din it-tislima bil-kliem tal-Poeta Nazzjonali tagħna Dun Karm Psaila. Poeżija ħierġa minn qalb verament Maltija, u li kull wieħed minna għandu għax jgħożż.

*IL-BANDIERA MALTIJA*

Hekk, bajda u ħamra biss,
irridek jiena,
Bandiera ħelwa ta' din l-art
ħanina,
Għax kull meta s-sibbien ħabtu
għalina,
Hekk, bajda u ħamra biss,
rawk il-ħajjiena.
Bajda u Safja bħas-sema fil-
Libiena,
meta f'Novembru sajf ieħor
jiġina,
Hamra bħad-demm fuq wiċċ
ta' xebba rżina,
minn dawk li int rabbelit għax-
xogħol qalbiena.

Hekk, bajda u ħamra biss, kull
lewn barrani,
li jitħallat ma' lwienek, ikun
blu',
jew ikun aħdar iħassarlek
ismek,

Mhux ismek biss jitħassar, iżda
ġismek,
is-sabiħ ġismek ma jibqax li hu.
Imbagħad ma jiswa xein tibki
l-warrani.

# KONT TAF...?

DAN l-aħħar smajna u qrajna dwar għoti ta' rigal għal min jagħti tagħrif li jwassal għall-arrest tal-persuna jew persuni responsabbli għall-qtil ta' Karen Grech.

Għal ħafna din tidher ħaġa stramba iżda din mhix xi ħaġa ġdida f'Malta u fl-imgħoddi ġew offruti rigali ta' din ix-xorta għal min jgħin il-Pulizija taqbad lil dawk responsabli ta' delitti.

L-aħħar rigal li ġie offrut x'aktarx kien dak tal-1955 fil-każ tal-qtil fit-torri tal-Għallis. F'dan iż-żmien kienu tqassmu posters fl-għases tal-Pulizija li kienu joffru £3000 rigal. F'ċirkolari maħruġa mill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija fl-1/10/55, ġie ordnat li dawn il-posters barra milli jitwaħħlu fin-Notice Boards tal-Għases jitqassmu wkoll fil-ħwienet tal-grocers u tax-xorb.

Immorru aktar lura u nsibu każijiet ta' serq jew qtil fis-seklu dsatax u se nikkwota wieħed minnhom tal-1825:

"Wheras it hath been represented to His Honor the Lt. Governor that on the evening of the 23rd September last, about half an hour after sunset, as the Advocate Dr. Francesco Teodoro Bonanni was walking infront of the Auberge d'Auvergne in Strada Reale, 1 or 2 persons unknown, who were running from the upper part of that street towards the Governor's Palace, made a snatch at his gold watch chain which, breaking, he took and carried away, together with a gold seal appended thereto.

"A reward of 50 scudi is hereby offered to any person (except as aforesaid) who shall discover the said offender.

"Such reward to be paid on conviction of the offender by the Executive Police."

Korrispondent staqsa għal informazzjoni dwar ir-rati tal-extra fl-imgħoddi. Se nippubblikaw ir-rati għal kull erba' sigħat) mill-1919 jiġifieri minn mindu bdiet l-extra.

| | |
|---|---|
| Suprintendent: | 52c5 |
| Spetur: | 37c5 |
| Surġent: | 25c |
| Kuntistabbli: | 12c5 |

Ir-rati ġew riveduti għall-ewwel darba wara l-gwerra jiġifieri fl-1945 u r-rata ta' Kuntistabbli ġiet 28c7 għal kull erba' sigħat.

Fl-1952 reġa' kien hemm tibdil fir-rati u r-rata ta' Kuntistabbli ġiet 35c. Fl-1956 għal darb'oħra reġgħet tbiddlet u saret 55c. Żieda oħra fir-rata tal-extra reġgħet ġiet fl-1968 u r-rata ta' Kuntistabbli saret £M1.05,2 (dejjem għal kull erba' sigħat).

L-aħħar żieda kienet dik tal-1977 u r-rata telgħet għal £M2.50,0 għall kull erba' sigħat.

**DAWK LI JIXTIEQU JKUNU JAFU DWAR XI SUĠĠETT TA' INTERESS JIKTBULNA.**

## STOP PRESS

Se jsir 'GET-TOGETHER' għall-penzjonanti li kienu membri tal-Korp fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fit-28 ta' Diċembru 1978 fis-6 p.m.




conventional or containerised to all destinations, at special rates, even to AUSTRALIA, CANADA, UK and USA.

When planning for your holiday in the most economical and practical way, use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK. USA and CANADA.
WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.
SPECIAL FARES to Australia.

**Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo Experts**

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**
Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.



# TIP TOP

## FGURA, VALLETTA, RABAT, MOSTA

- PORTABLE TV'S
- RADIOGRAMMES
- CALCULATORS
- RADIOS
- RADIO CASSETTES
- TAPE RECORDERS
- AND LOTS MORE
- FANS

# TIP TOP

*your first and last choice*




TFAL, wara li fil-ħarġa ta' Ottubru, 1978, introduċejna din il-paġna tagħkom, illum imiss li nagħtikom l-ewwel tagħrif li nispera ikun ta' interess ġenerali għalikom. Mhux il-ħsieb tiegħi li nidħol fil-fond fis-suġġetti li dwarhom nitkellmu. Irrid biss li nqanqal fikom interess li jġiegħlkom tidħlu fl-interess u titgħallmu xi ħaġa ġdida.

Illum se nagħtikom ftit tagħrif dwar PAJJIŻI, ASTRONOMIJA, u dwar MALTA.

**1. PAJJIŻI TAD-DINJA**

**ARĠENTINA:** Belt Kapitali BUENOS AIRES. Popolazzjoni 25,720,000. Tip ta' flus PESOS. Tip ta' Gvern ĠUNTA MILITARI.

**BELĠJU:** Belt Kapitali B R U S S E L S. Popolazzjoni 9,890,000. Tip ta' flus BELGIAN FRANC. Tip ta' Gvern MONARKIJA KOSTITUZZJONALI.

**ĊINA:** Belt Kapitali PEKING. Popolazzjoni 852,130,000. Flus YUAN. Gvern COMMUNIST ONE-PARTY STATE.

**DANIMARKA:** Belt Kapitali COPENHAGEN. Popolazzjoni 5,070,000. Flus: KRONE. Gvern: DEMOKRAZIJA PARLAMENTARI.

EĠITTU: Belt Kapitali: CAIRO. Popolazzjoni: 38,070,000. Flus: Egyptian £. Gvern: DITTATORJAT KOSTITUZZJONALI.

Darb'oħra nitkellmu dwar aktar pajjiżi.

**2. ASTRONOMIJA**
**(L-ewwel Parti — L-ISTILEL)**

Tfal, naħseb li żgur xi darba ħaristu lejn is-sema, f'xi lejla ċara u żgur li ntbaħtu b'miljuni ta' tikek ileqqu li aħna nafu bħala STILEL. Hadd ma jista' jgħid sewwa sew kemm jeżistu minn dawn l-istilel għax għalkemm ilħaqna l-qamar u għamilna skoperti kbar fl-ispazju, għad baqa' ferm x'niskopru. Pero' huwa kkalkolat li l-għajn tal-bniedem taf tilmaħ madwar 6,000 stilla li dwarhom se nagħtikom xi tagħrif ħafif.

L-akbar stilla (b'medda ta' xi 4,000,000 K.M.) hija dik magħrufa bħala **EPSILON AURIGAE.** L-eqreb stilla lejna (xi 4 "light years" il' bogħod) hija l-**PROXIMA CENTAURI.** L-aktar stilla li tibbrilla hija **SIRIUS** li tinstab fil-Kostellazzjoni **CANIS MAJOR.**

L-istilel ileqqu mid-dawl tagħhom stess u jvarjaw fil-kulur minn blu bl-abjad għall-aħmar. Iżda peress li dawn il-kuluri huma xi ftit jew wisq mitfija, l-istilel jidhru biss ileqqu.

F'ħarġa oħra nagħtu ħarsa lejn il-Pjaneti.

**3. TAGHRIF DWAR IL-GŻEJJER MALTIN**

Ebda Malti m'għandu jonqos li jkun jaf ġrajjiet pajjiżu, tfal.

Għalhekk inħoss li l-istorja ta' artna għandha tkun parti mit-tagħrif mogħti f'din il-paġna tagħkom. Fl-ewwel sitta ta' illum, qabel ma niġu għall-istorja proprja ta' Malta, jaqbel li tkunu tafu dwar il-forma, ismijiet, daqs u pożizzjoni tal-Gżejjer tagħna.

MALTA, GHAWDEX u KEMMUNA huma tliet gżejjer, f'nofs il-baħar Mediterran, li flimkien jiffurmaw l-ARĊIPELGU MALTI. L-ewwel isem għal MALTA kien MELITA u fuq dan l-isem diġa' kienet saret riferenza fil-kitba tal-Ġeografu Grieg XILACE (350 Qabel Kristu) u l-Filosofu Grieg GŻENOFANJU (570 Q.K.) Wara, l-isem sar MALITHAH u aktar tard, kif inhu magħruf illum, MALTA. GHAWDEX kien magħruf sa minn qabel żmien il-Griegi bħala GWL. Wara kellu ismijiet oħra bħal — GAWL, GAULOS u bil-Latin GAUDISIUM. Fi żmien l-Ispanjoli kien magħruf bħala GODSO u bit-Taljan GOZO kif baqa' sal-lum u bil-Malti GHAWDEX. KEMMUNA kienet l-ewwel magħrufa bħala FESTJA u wara saret HEMMUNA u aktar tard KEMMUNA, (bil-Għarbi mill-verb Kemmen (taħbi) forsi minħabba l-fatt li kienet Gżira moħbija) kif baqgħet sal-lum — Kemmuna. Hemm ukoll il-Gżejjer ferm iżgħar ta' Kemmunett u Filfla. Din ta' l-aħħar ċkieneet mid-daqs oriġinali tagħha minħabba t-taħriġ fuqha mill-Flotta Ingliża.

Fil-Gżejjer Maltin jinsabu wkoll diversi skollijiet — fosthom SELMUN, SELMUNETT u l-GHALLIS f'Malta kif ukoll HAĠRET IL-ĠENERAL fid-Dwejra ta' Għawdex. Fuq din tinsab il-pjanta mediċinali "Fungus Melitensis".

L-art Maltija għandha wkoll 10 Peninsuli (Gżejjer magħquda ma' l-art minn naħa waħda) li huma l-Belt Valletta, l-Isla, il-Birgu, ir-Rikażli, Bighi, il-Marfa, Delimara, Buġibba u Manoel Island. Ta' min isemmi wkoll il-Gżejjer ta' San Pawl il-Baħar. F'Għawdex hemm ukoll il-Peninsula tal-QOLLA L-BAJDA.

Malta tinsab 'il bogħod (bil-baħar) mill-eqreb pajjiżi b'dawn id-distanzi:- 58 mil minn Sqallija, 83 mil minn Messina, 198 mil minn Tripli, 226 mil min Tunes, 580 mil mill-Alġerija, 820 mil minn Lixandra u 936 mil minn Port Said.

Il-Gżejjer tagħna jagħmlu b'kollox 122 mil kwadru. Malta, l-akbar fost il-Gżejjer hija twila 28.2 K.M. u tagħmel 237 K.M. kwadru. L-aktar post għoli f'Malta (817-il pied) jinsab qrib il-Barumbara ta' Zuta ħdejn Had-Dingli. Għawdex li jinsab 8 K.M. bogħod minn Malta, għandu tul ta' 14.5 K.M. u wiesgħa 7.2 K.M. B'kollox jagħmel 66 K.M. kwadru. L-aktar postijiet għoljin (77 pied) jinsabu f'tad-DBIEGI u n-NADUR. Kemmuna fiha ftit iżjed minn 2.5 K.M. kwadru.

Illum nieqfu hawn. Inkomplu f'ħarġa oħra. Jekk tixtiequ xi tagħrif speċjali, iktbuli.

# Teacher's.
# In a class of its own.




**Enquiries: 624109**



# ROADHOUSE BUSKETT

## CHRISTMAS & NEW YEAR'S CABARET PROGRAMME



**DAVID LANDAU**
**MIND READER**



**CYCLONE**

★Folklore group every Wednesday and Friday
★Tea-Time show every Sunday afternoon.
Book in advance to avoid disappointment
Telephone 674233 - 626542




Matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru, it-teams tagħna tal-Football u tal-Basketball komplew it-tħejjija tagħhom għall-impenji ta' l-istaġun 1978/79.

**FOOTBALL:**

L-iskwadra ta' 18-il player tal-Football, minbarra taħriġ regolari, kellha dawn il-friendlies bħala preparament:–

**It-Tlieta, 17/10/78** fil-ground tal-Marsa. Draw ta' 1—1 kontra l-Excelsior. Il-goal tagħna skurjah Pace.

**Il-Ħamis, 19/10/78,** fil-ground tal-Marsa. Rebħa ta' 3—0 kontra HMS Fearless. Skurjaw Sammut, Mallia L. u Xerri.

**It-Tlieta, 24/10/78** fl-Independence Arena: Rebħa ta' 2—1 fuq il-Malta Hilton. Il-goals tagħna ġew minn Desira u Mizzi.

**Il-Ħamis, 26/10/78** fil-Marsa: Telfa ta' 0—1 ma' l-Excelsior Hotel.

**L-Erbgħa, 1/11/78** f'R.A.F. Luqa. Draw ta' 2—2 mal-Joint Services Police.

Meta ġew imtella' l-poloz għall-kompetizzjoni organizzata mill-Ministeru ta' l-Isports għad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Para-Statali, it-team tagħna ġie mtella' fi Group 'C' flimkien mat-teams tal-MID-MED Bank, GENERAL INSTRUMENTS ENG., KNIGHTSHALL, P.W.D. (Kirkop), MOSTA SPINNING & WEAVING. It-Tournament kellu jibda għal nofs Novembru u sakemm morna għall-istampa, it-team tagħna kien għadu ma ġiex impenjat. F'ħarġa oħra nagħtikom ir-riżultati miksuba sa dakinhar.

Kif qegħdin fuq il-Football tajjeb wieħed igħid illi l-Kummissarju kien approva li jerġa' jsir il-League tad-Distretti. L-ideja tal-Kumitat ta' l-Isports hija li l-parti l-kbira tal-logħob, speċjalment dak li jinvolvi teams mid-Depot, CID/SII u diversi uffiċini, isir waqt il-ħin tal-break fix-Xagħra tal-Furjana. Dan biex innaqqsu l-problemi. Nispera li sakemm taslilkom din il-ħarġa dan il-league ikun inbeda.

Fuq l-inizjattiva tiegħi, hemm il-ħsieb li għal żmien il-Milied, isiru żewġ logħbiet football tal-VETERANI, waħda bejn team kompost mill-uffiċjali kontra team mill-Other Ranks u logħba oħra bejn l-Uffiċjali tagħna kontra l-Uffiċjali tal-A.F.M. Jekk dawn, kif nispera jirnexxu, joħolqu ambjent ta' ħbiberija u jkun jixraq ferm għal żmien il-Milied. Meta jasal il-waqt ikollkom aktar tagħrif.

**BASKETBALL**

It-team tagħna tal-Basketball ukoll kompla t-tħejjija tiegħu għall-istaġun li għadu kif beda. Minbarra t-taħriġ, il-players tagħna kellhom xi partiti ta' ħbiberija bi preparament għall - "PROMOTION LEAGUE" tal-Basketball Association. Biex ikunu jistgħu jippreparaw aħjar għall-impenji tal-League, it-team tagħna qiegħed jieħu wkoll sehem fit-Tournament organizzat minn Stella Maris College li fih hemm taħlita ta' teams mill-ewwel, it-tieni u t-tielet diviżjoni. Dawn il-kuntatti huma ferm utli u jservu ta' esperjenza għall-players tagħna. Infatti nistgħu faċilment ngħidu li l-livell tal-players tagħna qiegħed jitjieb permezz ta' dawn il-kuntatti.

Fit-Tournament ta' Stella Maris, it-team tagħna beda b'żewġ punti meta fl-ewwel logħba, nhar it-Tnejn, 31/10/78, it-team ta' U.S. DINITROL ma ġiex għal-logħob u t-team tagħna ġie għalhekk mogħti walkover.

It-team tagħna tilef it-tieni logħba kontra s-Sliema AGFA bi skor minimu ta' 64—54. Wara li għal xi żmien konna minn taħt sewwa fil-punti, il-players tagħna għamlu 'comeback' notevoli u setgħu salvaw il-logħba.

Meta morna għall-istampa, it-team tagħna kellu jilgħab l-ewwel logħba tal-Promotion League kontra t-team tal-HELLAS, fil-GYM ta' St. Andrew's, nhar il-Ħadd, 12 ta' Novembru, 1978. Ir-riżultat ta'

TKOMPLI P. 20

# Profil




**PROFIL TAX-XAHAR.**
**TONY SAMMUT (P.C. 93)**
**FOOTBALL**

Fost il-players tal-Football l-aktar popolari fit-team tagħna huwa bla dubju Tony Sammut (P.C. 93), stazzjonat l-M.T. Tony beda l-karriera tal-Football f'eta' żgħira, mat-team ta' l-iskola u malajr sab ruħu fit-team tal-Minors tal-Floriana u aktar tard iddebutta wkoll fl-ewwel team tal-Greens fil-pożizzjoni ta' left-back. Meta fl-1968 inbeda l-league tal-football tad-Distretti tal-Pulizija, Tony kien player prominenti fit-team tat-Traffic u aktar tard fit-team tad-Distrett tal-Belt li tiegħu kien dejjem il-Captain u li għenhom jirbħu l-league għal record ta' ħames darbiet. Fit-team magħżul, Tony huwa l-captain u fost l-aħjar players. Tony huwa fost l-aktar dedikati mill-players tagħna u mistenni jkun pedina mportanti fit-tentattiv tat-team tagħna li jagħmel sforz serju għar-rebħ tal-Kompetizzjoni tad-Dipartimenti tal-Gvern li għadu kif beda. Fir-ritratt, Tony jidher f'mument tipiku u regolari ... dak li f'isem it-team tiegħu jirċievi t-tazza tal-league.

# MILL-IMGHODDI



FIL-HARĠA tal-magażin ta' Ottubru dehru r-regolamenti dwar l-għoti ta' medalji lill-Pulizija. Illum qed nirriproduċu ritratt ta' waħda minn dawn iċ-ċerimonji sbieħ fejn il-Pulizija qed jingħataw il-Long Service and Good Conduct Medal minn Lord Strickland. Din iċ-ċerimonja kienet saret f'Misraħ il-Palazz (Main Guard) u kif jidher fir-ritratt barra minn dawk il-Pulizija li ħadu l-medalji kien hemm kontinġent ieħor ta' Pulizija.

Illum din il-medalja ma għadiex tingħata anzi nistgħu ngħidu li f'Malta l-Pulizija ma jiġu mogħtija l-ebda medalja. F'pajjiżi oħra l-Pulizija għadhom sal-lum jiġu mogħtija medalji minħaba atti ta' qlubija u qed nieħdu l-okkażjoni u nirriproduċu ritratt ta' waħda miċ-ċerimonji li jsiru barra minn Malta. F'dan ir-ritratt (isfel) jidher Kuntistabli jiġi mogħti "Queen's Commendation" mil-Log. Gvernatur għal qlubija li wera meta ffaċċja ħalliel armat u rnexxielu jieħodlu l-arma.

Insemmu wkoll li dan l-aħħar erġajna bdejna naraw messaġġi ġenerali lill-Korp fejn jiġu mfaħħra atti ta' qlubija u dedikazzjoni għax-xogħol minn membri tal-Korp. Dan ta' min jingoraġġih għaliex ikollu effett tajjeb fuq il-moral tal-Korp u j'Alla nkomplu naraw atti ta' tifħir fil-ġejjieni. Nittamaw ukoll li xi darba għad naslu biex f'każijiet meritati jingħataw xi medalji kif kien isir qabel.



## ATT TA' MIN IFAĦĦRU

FIS-26 TA' Ottubru 1978 il-Pulizija għamlet waħda mill-ikbar operazzjonijiet ta' salvataġġ meta ħarġet nies midruba minn xarabank li waqgħet għoli ta' madwar 8 metri f'inċident tat-traffiku f'Tas-Sliema.

Għalkemm ħafna mill-passiġġieri ħarġu mix-xarabank weħedhom jew b'għajnuna min nies li marru fuq il-post tal-inċident fosthom Pulizija li kienu fil-ħin tal-mistrieħ tagħhom għal xi wħud kellha tkun il-ħidma tal-Pulizija tat-taqsima tat-tifi tan-nar li b'għaqal kbir irnexxielhom joħorġu tlieta min-nies billi użaw presses biex jgħollu partijiet mix-xarabank li taħthom kien hemm il-passiġġieri.

Il-membri tal-Korp tat-taqsima tat-tifi tan-nar li ħadmu f'din l-operazzjoni ta' salvataġġ kienu s-Surġenti J. Galea u C. Bonanno u l-Kuntistabblijiet A. Spiteri, J. Tanti, S. Mintoff u T. Magri.

Wieħed ma jridx jinsa wkoll isemmi l-għajnuna li taw il-Pulizija tad-distrett ta' Tas-Sliema, Tal-Belt u dawk tat-traffiku u Skwadra Mobbli.

---

**Tkompli minn p.19**

din il-logħba, tagħrif dwarha, kif ukoll tagħrif ieħor dwar l-attivitajiet tal-Basketball, inwassalhomkom f'ħarġa oħra.

**INDOOR GAMES:**

Fil-Canteen tal-Headquarters għadhom kif ġew provduti diversi faċilitajiet ta' sport ta' taħt is-saqaf bħal — Darts, Chess, Draughts, American Pool, Table Soccer u Table Tennis, minbarra l-Billiards. Il-membri tagħna qed ikollhom aktar biex jirrekrejaw ruħhom fil-ħin tal-mistrieħ. Qed nagħmlu arranġamenti biex jinbdew kompetizzjonijiet ta' dawn l-indoor games biex it-talent li jeżisti f'dawn l-isports fost il-membri tagħna jiġi utilizzat. Jekk kif naħseb ikollna livell tajjeb, żgur li nżidu l-parteċipazzjoni ta' teams tal-Pulizija f'dawn l-Isports ma' dik tal-Football u Basketball.